# Qaddisin Dumnikani Santa Katarina ta' Ricci (1522 - 1589)



**Tagħrif miġbur minn Loreto Gatt**

Fit-23 ta' April 1522 twieldet Alessandra minn Pier Francesco u Caterina di Ricci, li kienu familja nobbli ġewwa Prato, belt ħdejn Firenze. Meta kellha ħames snin tilfet lil ommha. Sa minn ċkunitha beda jidher ċar li kellha devozzjoni kbira lejn il-Passjoni ta' Kristu u lejn Marija Santissma bħala l-omm tagħha speċjalment lejn **ir-Rużarju**.

Meta kibret xi ftit aktar, hekk li setgħet titbiegħed mid-dar, ġiet mibgħuta ġewwa il-monasteru tal-Benedittini ta' San Pietru in Monticelli, fejn żijitha kienet il-Badessa ta' dan il-monasteru. Barra milli tgħallmet il-lezzjonijiet tagħha hemmhekk, Alessandra rawmet fiha id-devozzjoni kbira lejn il-Passjoni. Meta rritornat lura id-dar, wara li lestiet l-edukazzjoni meħtieġa f'dan il-monasteru, hi tefgħet l-attenzjoni tagħha kollha fuq il-vokazzjoni li kellha.

Fil-pjanijiet tagħha li tidħol f'monasteru tal-Klawsura, iltaqgħet ma' oppożizzjonijiet kbar min-naħa ta' missierha. Darba ġiet imħollija tagħmel viżta f'monasteru tad-Dumnikani ġewwa Prato u talbithom bil-ħerqa biex tibqa' hemmhekk magħhom. Imma missierha ħadha minn hemm bil-wegħda li terġa tiġi darb'oħra. Fil-fatt missierha ma żammx kelmtu u t-tifla kienet mardet tant serjament li ħafna kienu dawk li qatgħu qalbhom minnha. Imbeżżgħa' minn dan li ġralha missierha wegħdha li jċedi u jaqtagħla xewqitha. Kien it-18 ta' Mejju 1535, meta Alessandra rċeviet l-abitu fil-kunvent Dumnikan ta' San Vinċenz ta' Prato mingħand zijuha li kien konfessur f'dan il-kunvent. Ħadet l-isem ta' Katarina. Mitlufa f'dehriet tas-sema, is-sorijiet bdew jitħassbu u jiddubitaw fiha għaliex fl-estasijiet li kien ikollha kienet tidher qisha rieqda jew xi kultant ukoll tassew stupida. Sħabha ma ndunawx li dawn kienu atti ta' estasi; hi kienet torqod waqt l-uffiċji tal-kommunità, kienet twaqqa' l-ikel, u tkisser il-platti. Meta s-superjuri tagħha iddeċidew li jibgħatuha 'l barra hi ndunat u kellmet Fra Girolamo Savonarola li kien il-konfessur tagħha. Dan qalilha biex tgħid kollox lis-superjuri tagħha dwar dawn id-dehriet li kellha mis-sema. U minn dan iż-żmien ma kellhiex aktar inkwiet fuq din il-kwistjoni. Fil-fatt ipprofessat fl-24 ta' Ġunju 1536. Bdiet tikber dejjem fl-għaqda tagħha mal-Mulej u fit-tiġdid tal-ħajja regolari mmexxija minn Fra Girolamo Savonarola li kellha rispett kbir lejh. Bdiet għaddejja minn żminijiet ta' prova kbira b'uġigħ u mard li xi drabi kien tal-mewt.

Katarina kien għadd kellha biss għoxrin sena meta fi Frar 1542, hi kellha l-ewwel estasi tal-Passjoni ta' Ġesù, fenomenu mistiku li kien jirrepeti ruħu ta' spiss u li baqa' sejjer għal tnax-il sena. Hi kienet rċeviet l-Istigmati li damet bihom sal-mewt, is-sorijiet meta kienu jarawha, kienu jilmħu fiha tassew dehra tal-Passjoni. Minħabba li dawn l-affarijiet ġibdu l-attenzjoni tal-pubbliku, kienet ta' spiss titlob lil Alla biex jagħmel dawn il-ġrieħi anqas jidhru u fil-fatt Ġesù sema t-talb tagħha.

Minkejja din il-ħajja mistika ta' talb u penitenza, Katarina għexet ħajja bieżla. Kienet prijura tal-kunvent tagħha għal diversi snin. Hi kellha mħabba speċjali lejn il-morda. Nies b'diversi diffikultajiet mill-belt kienu jirrikorru għandha għal-pariri tagħha.

Mietet fi Prato fit-2 ta' Frar 1590, ġie beatifikata fl-1732 mill-Papa Klement XIII u ġiet kanonizzata mill-Papa Benedittu XIV fl-1746.

Riferenzi:
Jiddu Bħax-Xemx, Patri Charles Tonna OP, Pubblikazzjoni Dumnikana 1999
Dumnikani Magħrufa, Patri Luqa Azzopardi OP, Veritas Press 1979

